MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Rikors Numru. 740/1997/1

Joseph Borg
vs
CGMO, Dipartiment tas-Sahha u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2000 gie kjamat fir-rikors ic-Chairman tal-Public Service Commission

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u l-1991 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Huwa kien dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1979 bhala Diver Attendant, wara li spicca minn 29 sena servizz mas-Servizzi Inglizi fejn kien impjegat bhala Foreman u wara fuq talba tieghu u wara li kien attenda

tahrig fl-Iskozja, sar Diver Attendant mar-Recompression Chamber, u kien stazzjonat Kalaxlokk.

Fl-1983, huwa gie trasferit l-Ufficcju tas-Sanita` l-Belt bhala Messaggier.

Fl-1987 kienu hargu sejhiet ghall-post ta' Supervisor. Ghamel l-interview u billi hass li kien mar tajjeb hafna, ma kellux dubju li kien ghadda.  Barra minn hekk kien avvicinat mis-Sur Saviour Lautier, li kien il-Personnel Officer tas-Section u dan qallu li hu kien ghadda.

Minhabba li l-Elezzjoni Generali kienet fil-qrib, ir-rizultat kien mizmum ghal wara l-elezzjoni.

Wara li kien inbidel il-Gvern, ir-rizultati ma hargux u s-Sur Lautier qallu biex jinsa kollox.

Fl-1988 u fl-1991 kienu hargu sejhiet ohrajn ghall-istess promozzjoni ghal Supervisor.  Huwa ghamel l-interviews izda ghal darba ohra thalla barra u gie maqbuz minn ohrajn li ma kellhomx kwalifiki u esperjenza daqsu.

Ta min isemmi li fl-1988 huwa kien gie infurmat mic-chairman is-Sur Charles Chase, li huwa kien ghadda.

Ghaldaqstant, huwa hass li kien gie diskriminat minhabba t-twemmin politiku tieghu u minhabba f'hekk sofra ingustizzja kif ukoll danni finanzjarji u morali, ghax gie mcahhad milli javvanza fil-karriera tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li kien gie mcahhad minnha ingustament, minn dik id-data li kienet harget, isirlu aggustament xieraq u adegwat fil-pensjoni

tieghu u li jigi kumpensat ghal dak kollu li sofra, kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm….

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi huwa ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi l-proceduri minn meta tohrog is-sejha ghall-applikazzjonijiet sa meta jinhatru nies sabiex jimlew postijiet vakanti li ghalihom ikunu applikaw huma proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk insindikabbli ai termini ta' l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi, fil-konfront tal-Kummissjoni t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi ma irrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, is-Sur Joseph Borg, qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-hatra ta' Supervisors fid-Dipartiment tas-Sahha wara sejhiet ghall-applikazzjonijiet li saru fis-16 ta' April 1987, fil-15 ta' Lulju 1988 u fit-22 ta' Novembru 1990. Il-Kummissjoni irrilevat dan ghall-fini ta' l-artikolu 5(3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3. Illi, minghajr pregudizzju inghad li:

i. ghas-sejha li saret ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta’ postijiet ta’ Supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha (Cirkulari tad-Dipartiment DH Nru. 25/87 datata 16 ta’ April 1987), kienu applikaw erba’ mija u tnejn u ghoxrin (422) persuna li minnhom disgha u hamxin (59) ma attendewx ghall-intervista, u fost it-tliet mija u tlieta u sittin li gew intervistati, tnejn (2) instabu li ma kienux eligibbli. Ir-rikorrent gab mija u hmistax-il marka (115) minn massimu ta’ tliet mija (300) u ghaldaqstant ma ghaddiex.

F’dan il-process ma saret l-ebda rakkomandazzjoni min-naha tad-Dipartiment u l-kaz waqaf hemm.

ii. ghas-sejha li saret ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta’ postijiet ta’ Supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha (Cirkulari tad-Dipartiment DH Nru 126/88 datata 15 ta’ Lulju 1988), kienu applikaw mitejn u tnejn u erbghin (242) persuna li minnhom tnejn (2) iritiraw l-applikazzjoni, wiehed (1) instab mhux eligibbli u tlettax (13) ma attendewx ghall-intervista, u fost il-mitejn u sitta u ghoxrin (226) li gew intervistati mija u tmienja (108) ghaddew u mija u tmintax (118) wehlu. Ir-rikorrent gab mija u hdax-il marka (111) minn massimu ta’ mitejn (200) u gie klassifikat fil-post numru 93 fl-ordni tal-mertu. Peress li kien hemm tnejn u sebghin (72) vakanza fil-grad ta’ Supervisor gew appuntati l-ewwel tnejn u sebghin (72) persuna. Din ir-rakkomandazzjoni giet iffirmata mill-Prim Ministru fit-2 ta’ Marzu 1989. Fid-19 ta’ Frar 1990 saret rakkomandazzjoni ohra ghall-mili ta’ ghaxar vakanzi ohra.

iii. Ghas-sejha li saret ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta’ postijiet ta’ Supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha (Cirkulari tad-Dipartiment DH Nru. 206/90), kienu applikaw mija u disghin (190) persuna li minnhom tlieta (3) iritiraw l-applikazzjoni, tnejn u tletin (32) ma kienux eligibbli, disgha (9) ma attendewx ghall-intervista, sitta u hamsin (56) ghaddew u disghin (90) wehlu mill-intervista. Ir-rikorrent gab 45 marka minn mija (100) u ghaldaqstant m’ghaddiex.

4. Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m’ghandhom ebda relazzjoni ma’ l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors u qal li qatt ma nghata raguni ghaliex fl-1987 ma sarx Supervisor. Semma li f'zewg okkazzjonijiet ohra rega' applika u hafna minn dawk li ntaghzlu ma kienux kwalifikati daqsu, fosthom Ludgarda Fenech u Elena Micallef li saru Supervisors fl-1990. Esebixxa certifikati a fol 13 sa 15 li ottjena meta kien fis-servizz.

Xehed Richard Saliba rapprezentant tal-Public Service Commission li esebixxa dokument a fol 43 fejn jidhru l-breakdown tal-marki li ottjena r-rikorrent, u stqarr li m' ghandux il-fakulta` li jesebixxi l-breakdown tal-marki ta' Ludgarda Fenech u Helen Micallef minghajr l-approvazzjoni tal-Prim Ministru u kunsens tal-Kummissjoni.

B' riferenza ghal DH Circular 25/87 tas-16 ta' April 1987 ir-rikorrent gie moghti 40/100 ghal Experience, 40/100 ghal suitability u 35/100 ghal personality b' total ta' 115 minn 300.

B' riferenza ghac-cirkolari 126/88 tal-15 ta' Lulju 1988 ir-rikorrent inghata 50 marka ghall-kitba, 75 experience u 75 suitability and personality b' total ta' 200. It-total li gabet Ludgarda Zammit kien 88 u t-total ta' Elena Micallef kien 80 u Joseph Borg gab 111.

B' referenza ghac-cirkolari 206/90 tat-22 ta' Novembrbu 1990 inghata 30 marka ghal ability to command, instill discipline, 15 ghal experience, 20 ghal suitability and efficiency, 15 ghal personality u 20 ghal standard of

education b' total ta' 100 marka waqt li Ludgarda Fenech gabet 54 u Elena Micallef gabet 53 u Joseph Borg gab 45.

**KONKLUZJONIJIET:**

A] Illi b' referenza ghall-eccezzjoni tal-intimat illi huwa ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi l-***proceduri minn meta tohrog is-sejha ghall-applikazzjonijiet sa meta jinhatru nies sabiex jimlew postijiet vakanti li ghalihom jkunu applikaw huma proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku*** u ghalhekk insindikabbli ai termini ta' l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza minnu fis-7 ta' Mejju 1998 u ghall-istess ragunijiet hemmhekk indikati jichad din l-eccezzjoni.

Bl-istess mod u ghall-istess raguni hawn fuq indikata jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

B] ***Applikazzjoni in segwitu tac-cirkolari DH25/87 datata 16 ta' April, 1987.*** Dwar din l-applikazzjoni kienu applikaw 422 persuna. Ir-rikorrent gab 115 minn 300 u ma ghaddiex. Issa r-rikorrent f' ebda stadju fil-kors tal-kawza ma gab prova ta' allokazzjoni zbaljata tal-marki. Infatti ma rrizulta ebda ezami komparattiv tal-marki li nghataw lill-applikant ma' ta' xi wiehed minn dawk li fil-fatt gie moghti l-promozzjoni. Anqas ma ngabet prova ta' xi zball matematiku jew li l-mod kif gew allokati l-marki kien zbaljat. Huwa veru li l-P.S.C. sabet problemi biex tesebixxi dettalji dwar l-allokazzjoni tal-marki totali moghtija lill-applikanti u allura kien ferm difficli ghar-rikorrent li jaghmel dawn il-provi, izda xorta wahda jinkombi fuq it-Tribunal li biex jasal li jiddikjara li saret ingustizzja fit-Termini tal-Kap 394 din triq tirrizulta b' mod car u inekwivoku, liema prova b' ebda mod ma saret u ghalhekk f' dan ir-rigward it-Tribunal jilqa' din l-eccezzjoni.

C] ***Applikazzjoni in segwitu tac-cirkolari DH126/88 datata 15 ta' Lulju, 1988.*** Dwar din l-applikazzjoni kienu applikaw 242 persuna. Ir-rikorrent gab 111 minn 200 u ghadda u gie klassifikat fid-93 post fl-ordni tal-mertu.

Vakanzi kien hemm ghal 72 fil-grad ta’ Supervisor u gew appuntati l-ewwel 72, liema rakkomandazzjoni giet iffirmata mill-Prim Ministru fit-2 ta’ Marzu 1989 waqt li fid-19 ta’ Frar 1990 saret rakkomandazzjoni ohra ghall-mili ta’ ghaxar vakanzi ohra. Bl-istess mod kif intqal fuq ir-rikorrent f’ ebda stadju fil-kors tal-kawza ma gab prova ta’ allokazzjoni zbaljata tal-marki. Infatti ma rrizulta ebda ezami komparattiv tal-marki li nghataw lill-applikant ma’ ta’ xi wiehed minn dawk li fil-fatt gie moghti l-promozzjoni. Anqas ma ngabet prova ta’ xi zball matematiku jew li l-mod kif gew allokati l-marki kien zbaljat. Jinkombi fuq it-Tribunal li biex jasal li jiddikjara li saret ingustizzja fit-Termini tal-Kap 394 din triq tirrizulta b’ mod car u inekwivoku, liema prova b’ ebda mod ma saret u ghalhekk f’ dan ir-rigward it-Tribunal jilqa’ din l-eccezzjoni.

D] ***Applikazzjoni in segwitu tac-cirkolari DH206/90 datata 22 ta’ Novembru, 1990.*** Dwar din l-applikazzjoni kienu applikaw 190 persuna. Ir-rikorrent gab 45 minn 100 u ma ghaddiex. Bl-istess mod kif intqal fuq ir-rikorrent f’ ebda stadju fil-kors tal-kawza ma gab prova ta’ allokazzjoni zbaljata tal-marki. Jinkombi fuq it-Tribunal li biex jasal li jiddikjara li saret ingustizzja fit-Termini tal-Kap 394 din trid tirrizulta b’ mod car u inekwivoku, liema prova b’ ebda mod ma saret u ghalhekk f’ dan ir-rigward it-Tribunal jilqa’ din l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat u tal-kjamat in kawza.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------